SEGRETARJAT
EDUKAZZJONI NISRANIJA

Il-Kurja ta' l-Isqof,
Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex,
Tel: +356 21556661
www.csm.edu.mt

## Applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex

F'Novembru 2024 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju. Imiss issa li jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja u fl-ewwel sena kindergarten fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex jintlaqgħu minn nhar it-Tlieta, 4 ta' Frar sal-Ħamis, 13 ta' Frar 2025. L-applikazzjonijiet isiru onlajn minn https://church.mt/gozoapplications. Aktar dettalji jinstabu fir-Regolamenti tad-Dħul.

Postijiet vakanti fl-ewwel sena sekondarja baqa' 17 għal bniet u 19 għas-subien. Fl-ewwel sena kindergarten baqa' 36 post. Għad iridu jitnaqqsu tlett (3) postijiet minn Laura Vicuna (spjegazzjoni aktar l-isfel dwar residenti fl-Għasri). Skont ir-Regolamenti, paragrafu 1h, jiġu riżervati għaxar (10) postijiet mainstream, għas-subien fis-sekondarja, għal bniet fis-sekondarja u għal kindergarten, għal applikanti li jistgħu japplikaw taħt il-kriterju 1h fl-istess żmien ma' "Applikanti Oħra".

Il-lista tal-applikanti se tkun ippublikata fuq il-paġna tal-iskejjel tal-Knisja li tinsab f' www.knisja.mt. Dawn huma dettalji tal-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju skola, skola f'Għawdex.

Għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja fil-**Konservatorju tal-Isqof Sekondarja** rċevejna ħamsin (50) applikazzjoni ta' bniet li qed jattendu s-sitt sena f'xi skola tal-Knisja f' Għawdex. Erbgħa (4) minn dawn l-applikazzjonijiet huma bis-sapport. Irċevejna wkoll tlett (3) applikazzjoniet ta' impjegati fil-Konservatorju tal-Isqof, u żewġ (2) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu l-Konservatorju tal-Isqof Sekondarja. Dawn iġibu total ta' ħamsa u ħamsin (46+4+3+2=55) applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 72 post issa baqa' sbatax (17) -il post vakanti. Tnejn (2) minn dawn il-postijiet jimtlew minn bniet li għandhom sapport Shared Same Class **biss.**

Għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja fis-**Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù** rċevejna ħamsa u erbgħin (45) applikazzjoni ta' subien li qed jattendu s-sitt sena f'xi skola tal-Knisja f'Għawdex. Irċevejna żewġ (2) applikazzjoniji ta' impjegati fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù u tlett (3) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu s-Seminarju. Irċivejna applikazzjoni (1) ta' tifel ta' impjegata mas-segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija. Ħdax (11) minn dawn l-applikazzjonijiet huma bis-sapport. Dawn iġibu total ta' wieħed u ħamsin (35+1+3+1+11=51) applikazzjonijiet. In-numru ta' applikanti bis-sapport jirrikjedi li żewġ klassijiet se jkollhom 3 LSEs għalhekk in-numru ta' studenti f'dawn iż-żewġ klassijiet se jonqos b'tifel f'kull klassi. Dan ifisser li minn total ta' 72 post issa baqa' dsatax (19) postijiet vakanti.

Minħabba n-numru ta' studenti bis-sapport mhux possibbli li s-Seminarju jaċċetta aktar tfal bis-sapport.

Din it-tabella tiġbor fiha l-applikanti tal-ewwel kriterju għall-ewwel sena sekondarja.

| Kriterji | 1A | 1B | 1C | 1D | Sapport | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Bishop's Conservatory Secondary | 46 | 3 | 2 | 0 | 4 | 55 |
| Sacred Heart Seminary | 35 | 1 | 3 | 1 | 11 | 51 |

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten fil-**Konservatorju tal-Isqof Primarja** rċevejna erba' (4) applikazzjonijiet ta' impjegati tal-Konservatorju tal-Isqof Primarja, sitt (6) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu l-Konservatorju tal-Isqof Primarja u applikazzjoni waħda (1) bis-sapport. Dawn iġibu total ta' ħdax (6+4+1=11) -il applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' tlettax (13) -il post vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten ta' **Laura Vicuna**, l-Għasri, rċevejna żewġ' (2) applikazzjonijiet ta' mpjegati Laura Vicuna, ħmistax (15) -il applikazzjoni li għandhom ħuthom jattendu Laura Vicuna, u tlett (3) applikazzjonijiet ta' tfal ta' impjegati tas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija jew tfal ta' impjegati fis-Seminarju Minuri u fil-Konservatorju tal-Isqof sekondarja. Mela b'kollox għandna total ta' għoxrin (2+15+3=20) applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' erba' (4) postijiet vakanti. Irċivejna ukoll erbgħa (4) applikazzjonijiet taħt il-kriterju 1f, residenza u jgħixu fl-Għasri. Skont ir-regolamenti tlett studenti biss jistgħu jidħlu b'dan il-kriterju għalhekk fil-ġimgħat li ġejjin tissejjaħ polza bejn dawn l-erba' applikanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten f' **St. Theresa** f' Kerċem irċevejna applikazzjoni waħda (1) ta' tfal li għandhom ġenitur jaħdem fl-istess skola tal-Knisja u tnax (12) -il applikazzjoni li għandhom ħuthom jattendu St. Theresa. Applikazzjoni (1) waħda ta' tfal ta' impjegati tas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija jew tfal tal-impjegati fis-Seminarju Minuri u fil-Konservatorju tal-Isqof sekondarja. Dawn iġibu total ta' erbatax (1+12+1=14) -il applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' għaxar (10) postijiet vakanti.

Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten **St Francis, Victoria** rċevejna żewġ (2) applikazzjonijiet ta' tfal li għandhom ġenitur jaħdem fl-istess skola tal-Knisja, tmien (8) applikazzjonijiet li għandhom ħuthom jattendu St Francis Victoria u ħames applikazzjonijiet (5) ta' tfal ta' impjegati tas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija jew tfal tal-impjegati fis-Seminarju Minuri u fil-Konservatorju tal-Isqof sekondarja. Dawn iġibu total ta' ħmistax (2+8+5=15) -il applikazzjoni. Dan ifisser li minn total ta' 24 post issa baqa' disgħa (9) postijiet vakanti.

Din it-tabella tiġbor fiha l-applikanti tal-ewwel kriterju għall-ewwel sena kindergarten.

| Kriterji | 1B | 1C | 1D | 1E | 1F | 1G | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Bishop's Conservatory Primary | 4 | 7 | 0 | 0 | 0 | 0 | 11 |
| Laura Vicuna | 2 | 15 | 3 | 0 | 3 | 0 | 23 |
| St Theresa | 1 | 12 | 1 | 0 | 0 | 0 | 14 |
| St Francis Victoria | 2 | 8 | 5 | 0 | 0 | 0 | 15 |

Segretarjat Edukazzjoni Nisranija
Il-Kurja ta' l-Isqof,
Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex

Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt

Din it-tabella tindika l-postijiet offruti, okkupati u kemm baqa' skola, skola.

| Kriterji | Offruti | Okkupati | Baqa' |
|---|---|---|---|
| Bishop's Conservatory Secondary | 72 | 55 | 17 |
| Sacred Heart Seminary | 72 | 53 | 19 |
| Bishop's Conservatory Primary | 24 | 11 | 13 |
| Laura Vicuna | 24 | 23 | 1 |
| St Theresa | 24 | 14 | 10 |
| St Francis Victoria | 24 | 15 | 9 |

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** 30 ta' Jannar 2025

**Segretarjat Edukazzjoni Nisranija**
Il-Kurja ta' l-Isqof,
Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex

Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt